# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tallum it-Tnejn, erbatax (14) ta' Lulju, 2025

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1235/2019 MH**

**Numru: 9**

**Steven Delicata, David Agius u**
**Hollywood Caterers Limited (C57867)**
**vs**
**Kummisarju Tat-Taxxi**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' Steven Delicata et tas-27 ta' Diċembru 2019** permezz ta' liema ġie premess u mitlub -

> *1."Illi fl-10 ta' Jannar, 2019 gewipprezentati mill-Kummissarju tat-Taxxi intimat, tlett ittri ufficjali li ghandhom bhala riferenza numri 94/2019, 95/2019 u 96/2019 u li kopji taghhom qeghdin jigu hawn uniti u mmarkati bhala Dokumenti SDA 1, SDA 2 u SDA 3.*

*2.Illi tnejn mill-imsemmija Ittri Ufficjali gew indirizzati kontra r-rikorrenti atturi Steven Delicata u David Agius f'isimhom proprju u bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Hollywood Caterers Limited [dawk bin-numri 94/2019 u 96/2019 rispettivament] u Ittra Ufficjali ohra giet indirizzata lis socjeta Hollywood Caterers Limited [dik bin-numru 95/2019].*

*3.Illi l-imsemmija Ittri Ufficjali inhargu in forza ta' sub-artikolu 2 tal-Artikolu 59 tal-Att dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud – Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li f'kaz li hlas mitlub mill-Kummissarju intimat skont l-Att dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ma jsirx fi zmien tlettin jum mid-data minn meta n-nota kontenenti t-talba ghall-hlas tkun giet notifikata lill-persuna li lilha jkun intalab il-hlas, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-sub-artikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 59 wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna, ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju.*

*4.Skont l-atti gudizzjarji ossija l-ittri ufficjali pprezentati kontra r-rikorrenti atturi l-Kummissarju tat-Taxxi intimat qieghed jitlob lil kull wiehed mir rikorrenti atturi l-hlas tas-somma ta' disgha u erbghin elf, mija u wiehed u sittin Ewro u hdax il-centezmi (€49,161.11) flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxxijiet u li f'kaz li dan il-hlas ma jsirx l-istess Kummissarju ser jezegwixxi t-titolu ezekuttiv naxxenti mill-Avviz li allegatament ntbaghat lir-rikorrenti atturi.*

*5.Huwa mistenni li fi procedura tant serja u ta' portanta daqshekk ampja, tant li l-Kummissarju tat-Taxxi qieghed jiddikjara li sejjer jigbor il-hlas reklamat minnu bis-sahha ta' titolu ezekuttiv naxxenti minn Avviz li ntbaghat lir-rikorrenti atturi, li dan l-istess Avviz flimkien man-notifika relattiva li hija mehtiega skond l-istess disposizzjoni li in forza taghha ntbaghtu l-ittri ufficjali, jigi unit mal-Ittra Ufficjali.*

*6.Tali mankanza certament li tilledi d-dritt tal-persuna li kontra tieghu ser jigi invokat u esegwit t-titolu ezekuttiv li jkun mgharraf bic-cirkostanzi u l-elementi kollha li wasslu ghall-procedura ta' ezegwibilita'.*

*7.Ghalhekk qabel ma titolu ezekuttiv naxxenti minn Avviz li ma giex unit mal-att gudizzjarju li qieghed jintenta li jirrendi ezegwibbli l-istess titolu ezekuttiv, jista' validament u legittimament jigi rez ezegwibbli tinhtieg il-prova tal-Avviz u tan notifika tieghu.*

*8.Hija ukoll cirkostanza ferm stramba u anomala li r-rikorrenti atturi gew servuti u notifikati b'atti gudizzjarji separati u distinti u mitluba kull wiehed il-hlas ta' disgha u erbghin elf, mija u wiehed u sittin Ewro u hdax il-centezmi (€49,161.11) meta l-ammont talvolta dovut huwa wiehed u huwa reklamabbli minghand ir rikorrenti solidalment.*

*9. Fi kwalunkwe kaz u b'mod subordinat ghal dak premess, ir-rikorrenti atturi jikkontendu u jistghu jippruvaw li l-ammont reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi intimat huwa in eccess ta' dan li huwa rejalment dovut bhala Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u allura ma huwiex legalment gustifikabbli li jigu mitluba jhallsu u soggetti ghall-ezekuzzjoni kwantu ammont li huwa aktar minn dak li huwa rejalment dovut, ghad illi tali cirkostanza u sitwazzjoni tikkostitwixxi arrikiment ingust li la huwa mixtieq u wisq aktar legalment permess.*

*Ghalhekk l-esponenti rikorrenti atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha:*

*(1) prevja dikjarazzjoni li l-mankanza da parti tal-Kummissarju tat-Taxxi intimat li jezebixxi mall-atti gudizjarji ossija l-ittri ufficjali li huwa pprezenta kontra r-rikorrenti atturi u li ghandhom bhala riferenza numri 94/2019, 95/2019 u 96/2019, l-Avviz li huwa s-sors tat-titolu ezekuttiv li tieghu qieghed jitlob l ezegwibilita permezz ta' istess ittri ufficjali, tilledi d-drittijiet tar-rikorrenti atturi, tordna it-thassir u r-revoka tal-atti gudizjarji u konsegwentment tal-effetti tal-istess atti gudizjarji kwantu l-ezegwibilita tat-titolu ezekuttiv mitluba permezz taghhom; u*

*(2) thassar u tirrevoka t-titolu ezekuttiv naxxenti mill-Avviz li ghalih il Kummissarju tat-Taxxi intimat jaghmel riferenza fl-Ittri Ufficjali mahruga u notifikati lir-rikorrenti atturi li ghandhom bhala riferenza numri 94/2019, 95/2019 u 96/2019, billi l-ammont li tieghu allegatament intalab il-hlas skont l istess Avviz u li ghalih issir riferenza fl-Ittri Ufficjali huwa in eccess ta' dan li huwa rejalment dovut bhala Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u allura ma huwiex legalment gustifikabbli li jigu mitlub il-hlas tieghu u l-esegwibilita tieghu.*

*Bl-ispejjez legali kontra l-Kummissarju tat-Taxxi intimat li minn issa*

*jinsab ingunt ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tat-Taxxi tat-13 ta' Frar 2020**[1]

permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

1. *"Illi b'mod preliminari u bid-dovut rispett, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammonti dovut lill esponenti in kwantu tali ammonti huma dovuti bis-sahha ta' titolu ezekuttiv li l esponenti gia ghandu favur tieghu fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittri ufficjali in kwistjoni bin-numri 94/2019, 95/2019 u 96/2019 huma intizi biss li jirrendu ezegwibbli l-istess titolu ezekuttiv li ghandu l-esponenti;*

2. *Illi t-titolu ezekuttiv li ghandu favur tieghu l-esponenti jikkonsisti fl-avviz gia mibghut u notifikat lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittri ufficjali imsemmija, kif gia inghad, huma ntizi biss sabiex jirrendu ezegwibbli tali titolu ezekuttiv;*

3. *Illi n-notifika tal-avvizi msemmija lir-rikorrenti se tigi ppruvata waqt is smiegh tal-kawza;*

4. *Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, m'huwiex mehtieg jew rikjest mill-ligi li l-avvizi msemmija, gia notifikati kif inghad, ikunu uniti, annessi jew mibghuta mal-ittri ufficjali in kwistjoni ad validitatem;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem bid-dovut rispett, fi kwalunkwe kaz din l-Onorabbli Qorti mhix il-forum kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammonti pretizi humiex dovuti o meno in kwantu huwa biss it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, li hu Tribunal specjalizzat kompost minn persuni teknici skont il-ligi, li ghandu l-poter sabiex jiddetermina jekk l ammonti dovuti lill-esponenti humiex korretti u dan ai termini tal-Kap. 406 tal Ligijiet ta' Malta;*

[1] Fol 13 et seq

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti segwa u agixxa skont id-dettami tal-ligi u cioe' l-procedura kkontemplata fil-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ottjena t-titoli ezekuttivi favur tieghu, kif se jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;*

7. *Illi ghalhekk, u kuntrarjament ghal dak minnhom allegat, ir-rikorrenti kienu f'posizzjoni u kellhom kull opportunita' li jikkontestaw a tempo vergine t talba ghall-hlas mahruga fil-konfront taghhom ai termini tal-Kap. 406, pero' dan m'ghamluhx;*

8. *Illi ghalhekk, gia la darba r-rikorrenti kellhom l-opportunita' li jikkontestaw l-ammonti dovuti fit-termini moghtija fil-ligi pero' ghazlu li jibqghu siekta, ma jistghux jikkontestaw l-ammonti dovuti f'dan l-istadju meta l-esponenti ghandu f'idu titolu ezekuttiv rez ezegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti;*

9. *Illi kwindi m'huwiex minnu li gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti kif minnhom allegat;*

10. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-istess ammont in kwistjoni hu dovut kemm mis-socjeta' rikorrenti qua tax payer u kif ukoll mir rikorrenti l-ohra personalment in kwantu solidalment responsabbli mas-socjeta' rikorrenti u dan ai termini tal-Artikolu 66 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, l-ammont indikat fl-ittri ufficjali in kwistjoni hu ammont wiehed dovut solidalment mir-rikorrenti lill-esponenti u kwindi m'hemm xejn anomalu jew bi ksur tal-ligi fil-fatt li nhargu tlett ittri ufficjali sabiex jirrendu ezegwibbli l-avvizi mahruga fil-konfront tar-rikorrenti, kif minnhom allegat;*

11. *Illi ghalhekk l-ammont dovut mir-rikorrenti lill-esponenti m'huwiex in eccess ta' dak rejalment dovut minnhom u ma tezisti l-ebda sitwazzjoni ta' arrikiment ingust, kif minnhom allegat;*

12. *Illi ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tagħhom.

Rat illi l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permess tal-proċeduri odjerni, r-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tordna t-tħassir, ir-revoka u l-effetti tal-ittri uffiċjali bin-numri 94/2019, 95/2019 u 96/2019 maħruġa kontrihom mill-Kummissarju intimat. Dan stante li fil-fehma tagħhom ġew leżi d-drittijiet tagħhom b'riżultat tan-nuqqas tal-istess Kummissarju li jesebixxi flimkien ma' dawn l-ittri l-Avviż li huwa s-sors tat-titolu eżekuttiv u li tiegħu qiegħed jitlob l-eżegwibilita' permezz ta' l-istess ittri uffiċjali.

Ir-rikorrenti qed jitolbu wkoll it-tħassir u r-revoka tat-titolu eżekuttiv naxxenti mill-Avviż imsemmi għax allegatament l-ammont li tiegħu ntalab il-ħlas skont l-istess Avviż u li għalih issir riferenza fl-Ittri Uffiċjali huwa in eċċess ta' dak li huwa realment dovut bħala Taxxa Fuq il-Valur Miżjud u allura mhuwiex legalment ġustifikabbli li jiġi mitlub il-ħlas tiegħu u l-eżegwibilita' tiegħu.

Minn naħa tiegħu l-Kummissarju intimat jirrespinġi dawn il-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala infondati filfatt u fid-dritt.

Mill-atti jirriżulta li –

1. **Joseph Attard**, *Manager* (Sezzjoni Ġbir) mal-Kummissarju tat-Taxxi xehed dwar il-mertu tal-kawża u esebixxa numru ta' dokumenti biex isostni dak li qal[2]. Huwa xehed li -

   - Fit-22 ta' Frar 2018 inħarġu tlett avviżi u noti ta' talba għall-ħlas da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' *Hollywood Caterers* Limited u ż-żewġ diretturi tagħha David Agius u Steven Delicata, ir-rikorrenti odjerni;

   - Fil-konfront tal-kumpanija nħarġu żewġ kopji tal-avviż u n-nota ta' talba għall-ħlas, waħda fl-indirizz 'The Sales Shop', 114 Triq San Ġużepp, Ħamrun li hi l-indirizz reġistrat tal-kumpanija, u l-oħra fl-indirizz 'c/o Brasserie' 114, Triq San Ġużepp, Ħamrun. It-tnejn ġew notifikati nhar it-3 ta' Marzu 2018 u ffirma għalihom ċertu Ronald Agius. L-ammont dovut mill-kumpanija skont kif indikat fl-avviż hu

[2] Affidavit u dokumenti annessi a fol 36 et seq

ta' €49,161.11 u dan għall-perjodu bejn l-1 t'April 2013 u l-aħħar ta' Settembru 2016;

- Fil-konfront ta' David Agius inħareġ avviż u nota ta' talba għall-ħlas fl-indirizz 190, Dar il-Hena, Upper Ġuze' D'Amato Street, Tarxien, li hu anke l-indirizz kif reġistrat mar-Reġistru tal-Kumpaniji, u ġie notifikat hu stess personalment nhar it-3 ta' Marzu 2018. Dan l-avviż u nota ġiet notifikata lil David Agius kemm f'ismu personali u anke għan-nom tal-kumpanija *Hollywood Caterers Limited*. L-ammont dovut minn David Agius skont kif indikat fl-avviż hu ta' €48,910.51 u dan għall-perjodu bejn l-1 t'Ottubru 2013 u l-aħħar ta' Settembru 2016. Matul dan il-perjodu David Agius kien direttur tal-kumpanija inkwantu ġie appuntat fit-30 ta' Settembru 2013 u għadu direttur sallum;

- Fil-konfront ta' Steven Delicata nħarġu żewġ kopji tal-avviż u n-nota ta' talba għall-ħlas, waħda fl-indirizz 1, Glorianna, Triq il-Miġbed, Swieqi, li hu anke l-indirizz kif reġistrat mar-Reġistru tal-Kumpaniji, u l-oħra fl-indirizz 114, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun. It-tnejn ġew notifikati nhar it-3 ta' Marzu 2018 u ffirmaw għalihom, dik fl-indirizz tas-Swieqi Carmel Delicata li jiġi missier Steven Delicata u dik fl-indirizz tal-Ħamrun l-istess Ronald Agius

imsemmi qabel. L-ammont dovut minn Steven Delicata skont kif indikat fl-avviż hu ta' €48,910.51 u dan għall-perjodu bejn 1-1 t'Ottubru 2013 u l-aħħar ta' Settembru 2016. Matul dan il-perjodu Steven Delicata kien direttur tal-kumpaniji in kwantu ġie appuntat fit-30 ta' Settembru 2013 u għadu direttur sallum;

- Dawn l-avviżi u noti ta' talba għall-ħlas inħarġu ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' l-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kif indikat fl-istess avviżi. Kif jipprovdi l-imsemmi Artikolu 59, dawn l-avviżi juru l-ammont ta' taxxa u penali dovuti u jinkludu talba għall-ħlas tal-istess. Ġia' la darba l-ħlas mitlub ma sarx da parte tad-debituri fi żmien tletin (30) jum min-notifika tal-istess noti ta' talba għall-ħlas, l-avviżi ta' kwistjoni saru jikkonstitwixxu t-titolu eżekuttiv ai termini tal-liġi, u cioe' l-istess Artikolu 59 tal-Kap 406;

- Filfatt wara li għaddew aktar minn tletin ġurnata min-notifiki kif hawn fuq spjegat, ingħataw struzzjonijiet lill-avukat sabiex jinħarġu ittri uffiċjali fil-konfront tal-istess *Hollywood Caterers Limited,* David Agius u Steven Delicata bil-għan li jsiru eżegwibbli t-titoli eżekuttivi li għandu favur tiegħu l-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tal-istess debituri bis-saħħa tal-avviżi msemmija;

2. Fl-10 ta' Jannar 2019 il-Kummissarju tat-Taxxi intavola tlett ittri uffiċjali bir-referenza numru 94/2019, 95/2019 u 96/2019[3] ai termini tal-artikolu 59 tal-Att dwar Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta). Tnejn mill-ittri kienu kontra Steven Delicata u David Agius f'isimhom personali u bħala Diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' *Hollywood Caterers Limited* u t-tielet ittra kienet kontra *Hollywood Caterers Limited;*

3. Fl-ittri rispettivi mibgħuta lil Steven Delicata u David Agius ġew mitluba sabiex fi żmien jumejn iħallsu l-ammont ta' €48,910.51 rappreżentanti ammonti minnhom dovuti bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att. Dan bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dik il-liġi. Wkoll, huma ġew avżati li l-ittra hija waħda interpellatorja għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxi kontrihom permezz tal-Avviż li ntbagħat lilhom. Huma ġew imwissija wkoll li fin-nuqqas li jottemporaw ruħhom, il-Kummissarju kien ser jipproċedi biex jesegwixxi t-titolu eżekuttiv li għandu fil-konfront tagħhom permezz tal-mandati opportuni;

[3] Fol 5 et seq

4. L-ittra lil *Hollywood Caterers Limited* kellha l-istess kontenut għajr għall-ammont mitlub li kien ta' €49,161.11;

5. L-atti juru li l-ittra uffiċjali bin-numru 95/2019 li ġiet mibgħuta lis-soċjeta' *Hollywood Caterers Limited* ġiet notifikata lilha fil-21 ta' Frar 2019[4], l-ittra uffiċjali bin-numru 96/2019 li ġiet mibgħuta lid-direttur tal-kumpanija *Hollywood Caterers Limited* u ċioe' David Agius ġiet notifikata lilu fit-18 ta' Jannar 2019[5] u l-ittra uffiċjali bin-numru 94/2019 li ġiet mibgħuta lid-direttur tal-kumpanija *Hollywood Caterers Limited* u ċioe' Steven Delicata ġiet notifikata lilu fis-27 ta' Frar 2019[6];

6. Ix-xhud **Joseph Attard** spjega li l-ittri uffiċjali lil David Agius u Steven Delicata ġew mibgħuta lilhom kemm fil-kapaċita' tagħhom ta' diretturi ta' *Hollywood Caterers Limited* bħala rappreżentanti tal-istess kumpanija u anke fil-kapaċita' personali tagħhom stante li ai termini tal-artikolu 66 tal-Kap 406 huma wkoll personalment responsabbli b'mod solidali mal-kumpanija li tagħha huma diretturi għall-ammonti dovuti bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud[7];

---

[4] Fol 62
[5] Fol 64
[6] Fol 60
[7] Fol 37

7. In kontro-eżami l-istess Joseph Attard xehed li ma jafx jekk meta ntbagħtu l-ittri uffiċjali in kwistjoni dawn kellhomx annessi magħhom l-avviż għall-ħlas imma nsista li dan ma kellux għalfejn jiġi anness;

8. Wara li l-proċeduri odjerni ġew intavolati fis-27 ta' Diċembru 2019, ġew trattati l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Kummissarju intimat li jgħidu hekk –

*"1. Illi b'mod preliminari u bid-dovut rispett, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammonti dovut lill-esponenti in kwantu tali ammonti huma dovuti bis-sahha ta' titolu ezekuttiv li l-esponenti gia ghandu favur tieghu fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittri ufficjali in kwistjoni bin-numri 94/2019, 95/2019 u 96/2019 huma intizi biss li jirrendu ezegwibbli l-istess titolu ezekuttiv li ghandu l-esponenti;*

*2. Illi t-titolu ezekuttiv li ghandu favur tieghu l-esponenti jikkonsisti fl-avviz gia mibghut u notifikat lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittri ufficjali imsemmija, kif gia inghad, huma ntizi biss sabiex jirrendu ezegwibbli tali titolu ezekuttiv."*

9. B'sentenza datata 29 ta' Settembru 2021[8] din il-Qorti ddeċidiet hekk –

*"Konsegwentement qegħda tilqa l-ewwel eċċezzjoni biss sa fejn tirrigwarda t-tieni talba attriċi n kwantu l-qorti m'għandiex il-kompetenza li teżamina jew tħassar l-ittra uffiċjali jew xi att hekk relatat minħabba nuqqas ta' qbil ma ħlas dovut lil Kummissarju tat-Taxxi.*
*Tordna l-prosegwiment tal-kawza biss fil-konfront ta' l-ewwel talba biss fir rigward ta' l-avviz u ittra uffiċjali n kwistjoni.*

[8] Fol 34a et seq

*Tilqa' fit-totalita' tagħha t-tieni eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi dwar is-siwi ta' l-avviż u l-ittra uffiċjali."*

**Ikkunsidrat:**

In segwitu għas-sentenza preliminari appena ċitata, jifdal għalhekk li fil-mertu jiġi deċiż l-ilment tar-rikorrenti dwar l-eżegwibilita' tat-titolu eżekuttiv permezz tal-ittri uffiċjali Numru 94/2019, 95/2019 u 96/2019.

Ir-rikorrenti jargumentaw li l-proċedura sabiex jiġi reż eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tal-Kummissarju huwa nieqes mis-salvagwardji meħtieġa. Dan għaliex il-Kummissarju intavola ittra uffiċjali kontra kull wieħed mir-rikorrenti fejn għamel referenza għall-avviż li kien diġa' ntbagħat bit-talba u l-pretensjoni tiegħu hi li tiġi reża eżekuttiva dik it-talba kkomunikata preċedentement lill-parti permezz tal-Avviż. Huma jsostnu li f'dawk l-ittri uffiċjali kellu jkun hemm il-motivazzjonijiet ta' kif il-Kummissarju wasal għal dak l-ammont, kif ġew ikkalkulati l-imgħaxijiet u kif inħadmu l-multi. Mhuwiex aċċettabbli, skont ir-rikorrenti, li b'sempliċi ittra uffiċjali jiġi reż eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tal-Kummissarju mingħajr ma jkollu dawn id-dettalji. Huma jkomplu jsostnu li dawn is-salvagwardji kellhom ikunu preżenti fl-ittra uffiċjali nonostante l-fatt li l-Avviż kien intbagħat qabel (iżda mhux anness mill-ġdid mal-ittri uffiċjali kontestati).

Il-Qorti tissottolinea li hija l-liġi li tiddetta l-validita' tal-proċedura tal-eżegwibilita' tat-titolu eżekuttiv tal-Kummissarju u f'dan il-kuntest tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

1. Fl-ewwel lok, u kif diġa' aċċennat fis-sentenza preliminari, t-titolu eżekuttiv tal-Kummissarju tat-Taxxi jiskatta tramite l-artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk –

> *"(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta'taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta'talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar."*

2. Fil-każ odjern, il-provi wrew li l-Kummissarju intimat ottempora ruħu ma' din id-dispożizzjoni tal-liġi. Kif ingħad fis-sinteżi tal-provi fis-suespost, inħarġu fil-konfront ta' kull wieħed mir-rikorrenti d-debiti Avviżi u noti

ta' talba għall-ħlas li minnhom seta' jiġi minnhom dedott il-*breakdown* tal-perjodi li għalihom kien qed jintalab il-ħlas, il-kalkolu tat-taxxa dovuta, tal-imgħaxijiet u tal-penali dovuti u t-totali tagħhom;

3. Ġie pruvat ukoll li dawn l-Avviżi u Noti ta' ħlas ġew debitament notifikati lil kull wieħed mir-rikorrenti;

4. Kien minn hawn li r-rikorrenti kellhom a dispożizzjoni tagħhom żmien raġonevoli sabiex jeżaminaw id-dokumenti u l-ħlas mitlub minnhom, u ċioe' tletin jum, li matulu kellhom anke l-opportunita' li jagħmlu l-verifiki kollha neċessarji, inkluż jekk hemm bżonn, li jikkontestaw tali pretensjoni ta' ħlas da parti tal-Kummissarju quddiem il-**fora kompetenti**, senjatament it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. **Dan ma seħħx**;

5. Kwindi, u bis-saħħa tal-liġi, l-Kummissarju intimat ottjena validament a favur tiegħu titolu eżekuttiv fuq l-ammonti minnu mitluba;

6. Ġustament għalhekk, u għal darb'oħra, skont dak li tipprovdi l-liġi stess, huwa pproċeda bl-intavolar tat-tlett ittri uffiċjali kontestati permezz tal-proċeduri odjerni u ċioe' numri 94/2019, 95/2019 u 96/2019, sabiex jirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li diġa' kien ottjena kif ingħad. Kif

irriżulta wkoll mis-sinteżi tal-provi suesposti, dawn l-ittri uffiċjali **ġew ukoll debitament notifikati lil kull wieħed mir-rikorrenti fil-kapaċita' rispettiva tagħhom skont kif indikat fl-istess ittri;**

7. Għal kull buon fini, il-Kap 406 ma jesiġix li ma' dawn l-ittri uffiċjali kellhom jerġgħu jintbagħtu xi dettalji oħra dwar il-*breakdown*/kalkoli tal-ħlasijiet mitluba mill-Kummissarju. Dan hu eżerċizzju ripetut in vista li dawn kienu ġia' ġew ben riċevuti. U infatti l-Kummissarju ma hu reponsabbli għall-ebda nuqqas f'dan r-rigward;

8. F'dan l-istadju ssir referenza għall-artikolu 66 tal-Kap 406 li jitkellem fuq ir-responsabilta' tad-diretturi f'ċirkostanzi simili –

> *"(1) Kull segretarju, manager, direttur, stralċjarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u eżekutur testamentarju u kull kuratur tal-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta' xi persuna oħra jew ta' xi trust, fund, jew enti ieħor għandu jkun rappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta'persuni, persuna mejta, persuna oħra, trust, fund jew enti ieħor,skont il-każ.*
>
> *(......)*
>
> *(3) (a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) rappreżentant ta' persuna ikun responsabbli bl-istess mod u sa l-istess limitu bħal dik il-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għall-obbligazzjonijiet kollha imposti b'dan l-Att jew bis-saħħa tiegħu.*
>
> *(......)*

*(5) Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna:iżda meta ir-rappreżentant ikun aġixxa in bona fede u ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan l-Att, ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezantant tagħha."*

9. Fil-każ **Ian Pace et vs Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud deċiż fil-25 ta' Ġunju 2013** il-Qorti qalet hekk -

*"Dan l-artikolu ipoggi responsabilta diretta tad-diretturi mas-socjeta debitrici ghal hlas tal-ammonti dovuti u dan anki in vista ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1096 u 1097 tal Kap. 16, bl-eccezzjoni msemmija fis-subartikolu 5, li ma jidhirx qed jigi invokat f'din il-kawza."*

10. Il-Qorti mbagħad kompliet hekk fil-każ appena ċitat –

*"Ir-rikorrenti qed jallegaw mhux li ma saritx in-notifika izda li ma giex kreat titolu ezekuttiv fil konfront taghhom. Tali allegazzjoni hi skorretta peress li l-ittra ufficjali, mhix il-kostituzzjoni tat-titolu ezekuttiv ghax hu d-demand notice li jikkostitwixxi t-titolu u l-avviz ghal hlas, la darba notifikata kif imiss tirrendi t-titolu ezegwibbli."*

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-pretensjoni in eżami tar-rikorrenti hija manifestament infondata filfatt u fid-dritt.

**L-ewwel talba ser tiġi miċħuda flimkien mal-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti.**

**Għall-istess raġunijiet, l-eċċezzjonijiet enumerati minn tlieta sa tnax tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi ser jiġu akkolti.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet enumerati minn tlieta sa tnax tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi;**

2. **Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti flimkien mal-bqija tat-talbiet tagħhom bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ**